**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**llum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Francine Cini**

ta' 30 sena bint Joseph u Grace nee' Buttigieg imwielda Rabat Ghawdex fi 12/11/1985. Residenti. Port Mansions, Blokk A, Flat 2, Triq is-Sajjied, Zebbug, Marsalforn, Ghawdex. Detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 886(G) mobile 77130810 u telefon tad-dar 27810816.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Francine Cini talli nhar it-25 ta' Gunju, 2016 u l-granet ta' qabel u ta' wara din id-data, gewwa l-fond Dar ta' Zeppi, Triq 28 t'April 1688, Qala, Ghawdex ikkommettejt serq ta' gojelli u flus f'kontanti ghad-dannu ta' Mathias Leif Holger Gustavsson, Anna Yenenesh Nylen, u Inger Monica Gustavsson mill-Isvezja u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok. U dan bi ksur tal-artikoli 261(c), 261 (d), 261 (e), 267, 268 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghta zmien tikkonsidra l-posizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebiti

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha izda mhux l-akkuza ta' serq ta' flus kontanti, liema akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni assoluta tal-imputata mal-Pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (c), 261 (d), 261 (e), 267, 268 (a) 279, 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha kif korretti u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u /jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputata u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputata.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur